MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2011

Numru 1351/2009

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Mark Cauchi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita numru 252880M, akkuzat talli:

1. nhar id-29 ta’ Dicembru 2009 ghal habta ta’ 4.00pm waqt li kien fi Triq A. M. Valperga Fgura bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq vettura tal-ghamla Maruti numru tar-registrazzjoni HAW285 liema vettura propjeta’ ta Romina Vella minn Haz-Zabbar u liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku sehh kien ikun

aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix 2329.37 Ewro.

2. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kkommetta serq ta' hwejjeg ta' oggetti (hwejjeg) minn vettura tal-ghamla Maruti numru tar-registrazzjoni HAW285 ghad-detriment ta' Sasha Spiteri mill-Fgura liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa.

3. fl-istess data, u hinijiet wara fil-Fgura u Rahal Gdid volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Ford Escort numru tar-registrazzjoni IAE151 liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Ewro u izjed minn 116.47 Ewro ghad-dannu ta' Sasha Spiteri mill-Fgura.

4. fl-istess data u hinjiet wara f'Rahal Gdid hebb kontra Sasha Spiteri sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara kemm il-darba l-fatt ma jaqax taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici ta' Malta.

5. kkommetta reat li ghalih kemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ai termini tal-artikolu 28A tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta datata 18 ta' Settembru 2009.

6. kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-kap 446 u tal-Arikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta imposti mill-Qorti tal-Magistrati Malta.

B'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kawza tinstema' sommarjament.
Semghet ix-xhieda.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kif migjuba originarjament kienu jippotizzaw: l-attentat ta' serq ta' vettura, is-serq ta' oggetti minn gewwa vettura, il-hsara volontarja fuq vettura, l-att kontravenzjonali ta' serq, l-kommissjoni ta' reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, il-ksur ta' ordni ta' probation moghti bl-Artikolu 7 tal-Kap 446 u r-recidivita'.

Mill-evidenza, pruvata sodisfacjentement, jirrizulta li l-imputat fid-29 ta' Dicembru 2009 kien seraq xi indumenti ghal valur ta' €54 minn gewwa vettura tal-ghamla Maruti numru ta' registrazzjoni HAW285 u meta insegwit mill-gharus tad-derubata certu Sasha Spiteri u imwaqqaf ikkaguna hsara lill-vettura ta' dan ta' l-ahhar fl-ammont ta' €289. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta l-fatt tas-serq meta dahal fil-vettura tal-ghamla Fiat numru ta' registrazzjoni GIB777 u seraq l-indumenti konsistenti f'jeans u flokk. Cahad pero' li kien ser jisraq l-istereo taghha u wkoll li kkaguna xi hsara fuq il-vettura tal-ghamla Ford Escort. Mill-provi pero' hi l-fehma tal-Qorti li fil-waqt li s-serq tal-hwejjeg jirrizulta, dwar l-istereo s-serq jissusisti fuq il-bazi ta' attentat biss, fil-konfront tal-hsara kkagunata lill-vettura Ford Escort huwa aktar verosimili li ma kienx hemm l-volontarjeta' b'dan pero' li tippermani fuq bazi involontarja.

Intant, l-Qorti ordnat li jsir rapport socjali (Social Inquiry Report) li sab l-imputat mhux adatt li jaghmel servizz fil-komunita' izda rrakkomanda piena li tikontempla s-supervizjoni.

Mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li gia' kellu precedenti ta' serq jew l-attentat tieghu minn vetturi. Jidher li dawn huma konsegwenza tal-vizzju tad-droga.

Fl-udjenza tal-11 ta' Marzu tas-sena korrenti l-imputat irregistra ammissjoni li nsista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Din l-ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata u tissostanzja r-reita' fil-hames, sitt u s-seba' akkuza.

Jirrizulta li l-ewwel akkuza giet irtirata.

Ghalhekk issibu hati tal-akkuzi tas-serq u l-attentat tieghu (it-tieni akkuza) aggravat ‘bix-xorta tal-haga misruqa’, ta’ hsara involontarja (reat minuri u involut fit-tielet akkuza), u tar-raba, l-hames, is-sitt u s-seba’ akkuza.

Tiddeciedi wara li rat l-Artikolu 261(g), 271(g), 41, 281, 328(d), 339(d), 28B, 49, 50 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446 li tpoggih taht ordni ta’ probation skond l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghall-tlett snin mill-lum. Fil-konfront tal-ksur tas-sentenza sospiza ai termini tal- Artikolu 283 testendi l-perjodu operattiv taghha ghal erba’ snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------